

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/181**tas-27 ta' Ġunju 2022**

li jirrettifika ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1149 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-programmi ta' appoġġ nazzjonali fis-settur tal-inbid u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Grieg, bil-Latvjan, bil-Malti, bis-Sloven u bl-Ungeriż tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1149 ⁽³⁾ fihom żbalji fl-Artikolu 53(2), l-ewwel subparagrafu fir-rigward ta' bidliet żgħar fl-operazzjonijiet tal-benefiċjarji u fl-eliġibbiltà ta' kwalunkwe parti tal-operazzjoni u tal-oġġettivi globali tagħha.
- (2) Għalhekk jenħtieġ li l-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Grieg, bil-Latvjan, bil-Malti, bis-Sloven u bl-Ungeriż tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1149 jiġu rretifikati skont dan. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 53(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1149, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jippermettu li jiġu implimentati bidliet żgħar fil-limiti tal-ammont inizjalment approvat għall-appoġġ eliġibbli, mingħajr approvazzjoni minn qabel, dment li dawn ma jaffettwawx l-eliġibbiltà ta' kwalunkwe parti tal-operazzjoni u tal-oġġettivi globali tagħha".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1149 tal-15 ta' April 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-programmi ta' appoġġ nazzjonali fis-settur tal-inbid u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 (ĠU L 190, 15.7.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
